## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

### Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

### Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Dicembru, 2015

### Talba Nru: 702/2015 DMA

**GO plc**
**C 22334**

**Vs**

**Psaila Sharon**
**ID 282995M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-1 ta' Settembru, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi permezz tal-prezenti s-socjeta' kummercjali GO plc (C22334) ta' Triq Fra Diegu, Marsa, li qed tidher hawnhekk f'isimha propju kif ukoll a nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Mobile Communications Limited (C 24655) kif ukoll kif debitament awtorizzata tinterpellak sabiex thallas is-somma ta' erba' mija u wiehed u sebghin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€471.56) flimkien mal-ispejjez, imghaxijiet, u

drittijiet legali, liema ammont huwa dovut lill-istess Socjeta' mittenti pro et nomine in kwantu ghal tlett mija u sebgha u ghoxrin ewro u sittin centezmu (€327.60) in konnesjsoni ma servizzi ta' telefonija fissa u internet fuq 21800110 (AC40231022), flimkien ma' mija u tlieta u erbghin ewro u sitta u disghin centezmu (€143.96) in konnessjoni ma' 79020972 (AC40228527).

Illi 'nterpellata sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta, bl-ingunzjoni tal-konvenuta 'n subizzjoni .

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 651/14, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza.

Il-konvenuta debitament notifikata baqghat ma dehritx u lanqas ipprezentat risposta ghat-talba mitluba kontriha.

Dehret Dr Ingrid Zammit Young ghas-socjeta' attrici li 'kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont ta' erba' mija u wiehed u sebghin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€471.56) ghadu dovut.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna l- konvenuta thallas l-ammont ta' erba' mija u wiehed u sebghin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€471.56) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata,  sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza  u drittijiet, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 651/14, jkunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**